# Il-Madonna tal-Ġilju fl-arti u l-qima popolari

### *tliet pitturi minn sekli u kuntesti differenti b'devozzjoni komuni*

**Riċerka u kitba tas-Sur Charles J. Farrugia** MA, MA(Lond), BA(Hons), P.G. Dip. Rec. Mgmt.

Matul dawn l-aħħar għoxrin sena kelli l-opportunità li nippublika għadd ta' kitbiet dwar il-kult lejn il-Madonna tal-Ġilju f'diversi postijiet, kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. L-artiklu ta' din id-darba jkompli ma' din il-kullana ta' studji.

Dan l-artiklu hu spirat minn tliet pitturi li jirraffiguraw lill-Madonna tal-Ġilju. Huma ta' ġeneru, żminijiet u oriġini distinti minn xulxin. Dak li fihom komuni hu t-titlu: ***Madonna del Giglio***. Hu għalhekk li ħsibt li nressaqhom flimkien quddiemkom. Dan jgħatina wkoll l-opportunità li nagħmlu ċertu paraguni.

## Il-pittura *Madonna del Giglio* miżmuma għand il-Kappuċċini fil-Furjana

Meta matul l-aħħar erba' snin kont qed naħdem fuq il-ktieb *Guardians of Memory: essays in remembrance of Hella Jean Bartolo Winston,* tlabt l-għajnuna teknika ta' wieħed mill-aqwa esperti fuq il-produzzjoni tal-ktieb, is-Sur Toni Cortis.[1] Id-diversi laqgħat tagħna u mawriet għand l-istampatur wassluni sabiex insir naf tajjeb lil din il-persuna li ħadmet ferm favur il-ktieb Malti. Hu wkoll sar jaf bl-imħabba kbira li jiena għandi lejn il-Madonna taħt it-titolu tal-Ġilju. Ma setax jonqos illi meta fi żjara li għamel fil-Mużew tal-Kappuċċini ġewwa l-Furjana u ntebaħ bi kwadru bl-isem *Madonna del Giglio,* lili ġibidli l-attenzjoni.

Fuq stedina tal-kuratur Fr Martin Micallef żort dan il-post. Ma nistax ma nfaħħarx lil Fr Micallef li qed jagħmel biċċa xogħol eċċellenti billi jorganizza u jiftaħ għall-akbar numru ta' nies kemm l-arkivju kif ukoll il-bibljoteka ta' dan il-kunvent. Kien ukoll bl-inkoraġġiment u l-permess tiegħu li qed inressaq dan il-kwadru għall-apprezzament tagħkom.

Il-pittura tirraffigura lill-Madonna bilqiegħda bil-bambin Ġesu' fuqha u l-fjur tal-ġilju f'idejha. Fuq isfel tal-kwadru nsibu l-figuri ta' Sant' Anton Abbati u dik ta' San Pawl Eremita.



Pittura fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana.



Il-Pittura ***Beata Vergine del Giglio*** miżmuma fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti fil-Belt Valletta.

Il-Professur tal-istorja tal-arti Mario Buhagiar isemmi dan il-kwadru fil-kitba tiegħu bi sħab ma' Dr Keith Sciberras *Three Early Seventeenth Century Vernacular paintings at Mqabba*.[2] Fix-xogħol tagħhom, l-esperti tal-arti jiddiskutu tliet kwadri fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba, liema kwadri huma deskritti bħala manifestazzjonijiet ta' tradizzjoni ta' artisti lokali tal-perjodu Medjevali tardiv.[3] F' din il-kategorija ta' pitturi, Buhagiar u Sciberras ipoġġu ismijiet bħal Johannes Pulcella, Giovanni Maria Abela[4], Bartolomeo Micallef u Amadeo Perugino[5],

Il-pittura Madonna tal-Ġilju li tinteressana f'dan l-artiklu hi xogħol iffirmat minn Bartolomeo Micallef fl-1551. Hu wieħed mill-esponenti ta' xogħlijiet lokali tal-epoka deskritti minn Buhagiar u Sciberras. Il-pittura tinsab fil-mużew tal-Kappuċċini, fil-Furjana iżda qabel kienet fil-knisja tal-Kappuċċini tar-Rabat Għawdex. Il-pittura turi xebh ma dik tal-Madonna tar-Rużarju tan-Naxxar li ġġib id-data tal-1595.

Il-pittura turi lil Madonna bilqiegħda liebsa mantell blu bl-istilel kulur id-deheb bil-bambin wieqaf fuq saqajha. Il-figura ta' Marija qed tistrieħ fuq is-sħab u b'dija minn warajha. Fuq il-parti ta' isfel tal-kwadru naraw li San Anton Abbati u lil San Pawl l-Eremita. L-iskrizzjoni fuq isfel tal-kwadru tgħid hekk: BARTOLOMEO MICHALEF FECET - ST PAVLO PRIMIEREMITES. Mhux sorprendenti li l-pittur ġabar flimkien lil dawn iż-żewġ figuri għaliex huma marbuta wkoll storikament.

## San Anton Abbati u San Pawl l-Eremita

Imsejjaħ ukoll bħala l-Patrijarka tal-Monaċi, San Anton għex bejn is-snin 251 u 356 A.D. Hu rtira fid-deżert fl-eta ta' tmintax-il sena. Hemm waqqaf ir-regola għal komunità ta' monaċi li ingħaqdu miegħu. Hajjet dan il-qaddis ġiet miktuba minn San Anastasju ta' Lixandra (298-373) u dan wassal għal twaqqif ta' diversi komunitajiet oħra monastiċi. Fil-pittura tal-Madonna tal-Ġilju, San Anton Abbati jidher b' wieħed mis-simboli marbut miegħu dak tal-qanpiena imwaħħla mal-bastun.

Ir-rakkont skond San Ġlormu jibda bit-tentazzjonijiet tad-demonju lil San Anton Abbati li huma tant magħrufa fil-pitturi u l-ikonografija tal-perjodu. Ħafna mill-immaġini ta' artisti varji ġew spirati mill-kitba ta' ħajjet dawn iż-żewġ qaddisin il-*Golden Legend*'s. L-istorja tgħid li San Anton telaq fuq vjaġġ iebes sabiex iżur lil San Pawl l-Eremita u jitgħallem mill-għerf tiegħu. Waqt il-laqgħa, it-tnejn kienu mitmuha minn ċawlun li wassal il-ħobża lil dawn iż-żewġ qaddisin. Fil-fatt is-simbolu taċ-ċawlun bil-ħobża f'ħalqu jidher ukoll fil-pittura ta' Micallef u jokkupa parti ċentrali taħt il-figura tal-Madonna tal-Ġilju. Ir-rakkont ikompli li sena wara San Anton reġa' żar id-desert u sab lil-eremita mejjet. Fin-nuqqas ta' pala biex jidfnu hu rnexxielu jidfnu bl-għajnuna ta' żewg iljuni. Il-festa tal-qaddis, li hu wkoll magħruf bħala Sant' Antnin tal-Eġittu jew tad-Deżert issir fis-17 ta' Jannar.

San Pawl l-Eremita (229-342 A.D.) hu magħruf ukoll bħala San Pawl l-Ewwel Eremita kif hu mniżżel fil-kwadru tal-Madonna tal-Ġilju tal-Kappuċċini. Hu kien żgur wieħed mill-ewwel monaċi tad-deżert iżda sar ferm popolari fiż-żjara li għamillu San Anton Abbati u li għalhekk ukoll ħafna drabi nsibuhom flimkien fl-ikonografija. Il-festa ta' dan il-qaddis hija fil-15 ta' Jannar.

## L-importanza ta' din il-pittura

L-importanza ta' din il-pittura toħroġ minn diversi fatturi. Hi pittura antika. Hu xogħol biż-żejt u x'aktarx l-ewwel tax-xorta tiegħu minn artist Malti li nafu bih. Hi wkoll pittura nteressanti għaliex aktar analiżi tista toħroġ x' kien hemm wara l-kombinazzjoni ta' qaddisin li jidhru. Fuq kollox hi ta' nteress għaliex tieħu r-raffigurazzjoni tal-Madonna tal-Ġilju għal perjodu tassew qadim fl-ikonografija. Żgur li aktar studju jista jitfa' aktar dawl kemm fuq il-kult kif ukoll fil-qima li nbniet madwaru.

## Il-pittura fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti

Kien ukoll is-Sur Toni Cortis li ressaq din il-biċċa xogħol ta' arti għall-attenzjoni tiegħi. Il-kwadru li ser insemmi kien ilu snin fil-Mużew tal-Arti iżda dejjem kien magħruf bħala *Madonna and Child with infant John the Baptist,* xogħol ta' Tommaso Minardi fl-1862. Minkejja dan, studji li saru minn Dottoressa Marisa Calisti juru biċ-ċar li dan ix-xogħol sar minn Luigi Fontana u mhux minn Minardi, u l-isem tiegħu propja huwa *Beata Vergine del Giglio*.

Deskrizzjoni bikrija ta' dan il-kwadru tinsab fil-ġurnal *L'Ordine* tas-6 ta' Ġunju 1862. Fiha l-pittur u kritiku tal-arti Giuseppe Calleja jiddeskrivi din il-pittura pero' b' mod stramb ferm isejjħilha bħala tas-Sagra Familja.[6]

L-istoriku tal-arti s-Sur Antonio Espinosa Rodriguez jargumenta li m' hemmx dubju li l-istil hu ta' Minardi. Jgħid li x-xogħol hu ispirat u juri xebh kbir max-xogħol ta' Raffaello *La madonna del cardellino*. Akar minnhekk, meta wieħed jara xogħol bħal *la madonna del rosario* tal-istess Minardi, wieħed ma jistax ma jarax l-istess stilistika. Minkejja dan, Espinosa Rodriguez jirrikonoxxi li Fontana kien student ta' Minardi u peress li ma kienx konxju tad-dokumentazzjoni ġdida li ħarġet, jgħid li ma jistax jikkumenta dwar hekk.[7]

Fid-deskrizzjoni tiegħu ta' dan il-kwadru s-Sur Espinosa Rodriguez iniżżlu bħala[8]:

81. MADONNA; Tommaso Minardi (1789-1871); Signed & dated 1862; Oils on Panel; 56 cm x 70 cm; Purchased from the Noble Salvino Testaferrata Moron Viani on the 27th September, 1958.

*Exhibition*: 1960 — "Pauline Centenary Exhibition," Catholic Institute, Floriana.

*N.B.* Cauchi writes that this panel was originally executed for Cav. Girolamo

Tagliaferro. *Refs.*: Mus. Dept., Reg. O.A.F.M.; M.A.R. 1958-59, 1960; Bonello/ Cauchi (1960) p. 94 No. 139; Espinosa (1983) p. 27; Mayo (1981) p. 43.

Din id-deskrizzjoni tixbah lil dik mogħtija mill-Kuratur passat tal-istess mużew Dominic Cutajar. Minbarra li il-materjal li bih inħadmet jidher li hu tempra fuq l-għowda, id-dokument li ħareġ mill-arkivji Taljani jbiddel ukoll kemm l-isem tal-kwadru kif ukoll l-attribuzzjoni artistika.

Waqt simposju organizzat mill-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 nhar it-Tnejn 2 ta' Ġunju 2008 tkellmet id-Dottoressa Marisa Calisti li ġiet apposta mill-Italja biex tindirizza l-udjenza dwar il-ħiliet artistiċi ta' Luigi Fontana. Luigi Fontana huwa l-awtur tal-istatwa artistika ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ.[9] F' dan is-simposju hi elaborat fuq dak li kienet diġà ippublikat fl-2004 dwar is-suġġett.[10] F' dik il-pubblikazzjoni Calisti tgħid li ċertu attribuzzjonijiet li kien hemm għal Tommaso Minardi, kienu fil-fatt saru minn Luigi Fontana. Dwar dak tal-Madonna tal-Ġilju hi tgħid '*andrebbero restituite al nostro artista la Madonna del Giglio del National Museum of Fine Arts, di La Valletta-malta, e alcune Madonne Puritatis o Amabilis dipinte su disgni del maestro*.'[11]

Bħala kwadru jirrappreżenta lill-Madonna bi ktejjeb f'idejha ix-xellugija u b' idha il-leminija qed tilqa' lil Ġesù bambin li qed inewwel fjur il-ġilju lit-tfajjel Ġwanni bil-qiegħda biswit il-ħaruf. Jiddomina fuq l-isfond f'post prominenti hemm il-fjur tal-ġilju fil-format propja ta' ġilju tal-widien li hu marbut mal-festa tal-Madonna tal-Ġilju fil-bosta postijiet fejn xi darba kien hemm din il-manifestazzjoni, fosthom fl-Imqabba. Id-deskrizzjoni ta' dan il-kwadru bħala li jirrappreżenta '*la beata vergine del giglio*' jiġi minn idejn Luigi Fontana stess li jikteb '*... Ho disegnato e finito il dipinto di un quadro in tavola rappresentante la Beata Vergine del Giglio per un Signore Maltese. Per prezzo di zecchini 200, mio porzione zecchini 100 e riebbi soltanto zecchini 48*.'[12] L-istess ittra tindika li l-awtur tal-kwadru ma kienx Tommaso Minardi kif kien dejjem maħsub iżda Luigi Fontana.

F'dan l-artiklu mhux beħsiebni nidħol f'dan l-argument artistiku; l-ewwelnett minhiex kompetenti f'dak il-qasam u t-tieni, ftit fih relevanza għal fatt li l-kwadru hu msejjaħ *Vergine del Giglio*. Hu nteressanti li l-kwadru kien għal kummerċjant Malti Girolamo Tagliaferro. Min kien Girolamo Tagliaferro?

## Girolamo Tagliaferro

Il-familja Tagliaferro kienet ta' oriġini Ġenoviża u kienu ferm magħrufa għal negozju fil-qalba tal-Mediterran u l-Baħar l-Iswed. Diversi membri ta' din il-familja bnew negozji hawnhekk. Il-persuna prominenti u prinċipali ta' din il-familja kien Biagio Tagliaferro li fl-1812 waqqaf il-kumpanija *Biagio Tagliaferro & Figli*.[13]

Meta f'Novembru 1862 Biagio miet ġewwa daru fi Triq San Pawl fil-belt Valletta, ibnu Girolamo ħa f'idejh it-tmexxija tal-familja. Girolamo twieled fl-1820 u fl-1847 iżżewweġ lil Marianna Borg. Kien bankier ta' ħila u l-fundatur tat-*Tagliaferro Bank* li aktar tard sar magħruf bħala n-*National Bank of Malta*. Hu kien ukoll kummerċjant u filantropu kbir.

F' petizzjoni lis-Santa Sede għan nom. ta' Girolamo jingħata tagħrif dwar tnejn minn ħutu li kienu Konsli għal Ruma u li ddistingwew ruħhom fid-difiża tar-reliġjon kattolika. Fil-15 ta' April 1892, il-Papa Ljun XIII ħatar lil Girolamo bħala Konti.

## Tommaso Minardi



Tommaso Minardi twieled f'Faenza fl-4 ta' Diċembru 1787. Studja l-arti taħt diversi surmastrijiet tal-mistier. Irċieva appoġġ minn diversi nies bħal Konti Virgilio Cavina, u iltaqa' jew ħadem ma' ismijiet kbar bħal Vincenzo Camuccini u Canova. Diversi xogħlijiet tiegħu influwenzaw diversi artisti tal-epoka. Flimkien ma' Pietro Tenarini u Antonio Bianchini ffirma l-*Manifesto Purista*. Huwa miet f'Ruma fit-12 ta' Jannar 1871. Wieħed mill-istudenti li huwa laqa taħt il-ħarsien tiegħu, wara rakkomandazzjoni tal-Kardinal De Angelis, kien Luigi Fontana.

## Luigi Fontana



Luigi Fontana hu l-iskultur tal-istatwa titulari ta' San Filep f'Ħaż Żebbuġ. Huwa twieled f'Montesanpietrangeli nhar id-29 ta' Marzu 1827. Studja l-arti f'diversi istituzzjonijiet prestiġjuzi fosthom fl-Akkademja ta' San Luqa. Aktar tard, beda it-taħriġ tiegħu taħt Tommaso Minardi u baqa' jaħdem fil-qrib miegħu sakemm Minardi miet fl-1871. Fontana miet fis-27 ta' Diċembru 1908.

## Għaliex pittura bl-isem Madonna tal-Ġilju?

Din hi d-domanda li tibqa' tberren f'moħħi. Rajt diversi dokumentazzjoni sabiex niskopri jekk l-ipoteżi li Tagliaferro kellu xi rabta ma' tal-Ġilju tal-Imqabba tagħmilx sens. Ma' jidhirx li dan kien il-każ. Minkejja dan, tajjeb wieħed jiftakar id-diversi postijiet oħra li fihom kien hemm devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju. Tagliaferro kien ġej minn familja ta' negozju b' ħidma fil-belt u l-ibliet ta' madwar il-port. F' kitbiet tiegħi fil-passat tajt informazzjoni dwar festi, statwi u devozzjonijiet lejn il-Madonna tal-Ġilju f'diversi bnadi, fostom il-Belt Valletta, l-Isla, il-Birgu, Bormla, u l-Imdina.[14]

Jista' wkoll jagħti l-każ li ma kien hemm ebda rabta diretta ma' kult jew festa u Tagliaferro sempliċiment ordna dak it-tip ta' kwadru, jew inkella kien l-artist li tah dik il-laqta. Tajjeb infakkru li Minardi kien esponent ewlieni tal-*Manifesto Purista* u f'ħafna mix-xogħlijiet tiegħu jieħu prominenza fjur il-ġilju.[15]

Rajt ukoll jekk il-fatt li l-Kanonku Pawlu Pullicino (1815-1890) kellu rabta kbira ma' Ħaż Żebbuġ, u jista' jkun ukoll mal-kummissjoni tal-istatwa ta' San Filep xogħol ta' Luigi Fontana, kellux relevanza.[16] L-istess Pullicino kellu wkoll rabta mal-Imqabba u kien ukoll benefattur tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Kien hu li meta waslet l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju ta' Giovanni Darmanin ġewwa l-Imqabba fil-21 ta' Mejju 1876, ħallas għad-dijadema tal-fidda u diversi opri oħra. Jista' jkun li Pullicino kellu rabta ma' din il-kummissjoni lil Minardi li wara saret minn Fontana? Sa issa m' hemm l-ebda prova li ssaħħaħ dan il-ħsieb.

## Il-Pittura u kappella tal-Madonna tal-Ġilju ġewwa l-parroċċa ta' San Silvestro, fil-Provinċja ta' Ancona fl-Italja



Il-kappella dedikata lill-Madonna tal-Ġilju fil-kontrada ta' San Silvestru fl-Italja.



Pittura tal-Madonna tal-Ġilju meqjuma fil-konfini tal-parroċċa ta' San Silvestru fl-Italja.

Il-lokalità ta' San Silvestro tifforma parti mill-Comune di Senigallia li jinsab fil-Provinċja ta' Ancona ġewwa r-reġjun ta' Marche.

Hi zona ta' kampanja madwar għaxar kilometri bogħod minn Senigallia b' diversi djar distanti minn xulxin. F'waħda mill-kontradi ta' San Silvestru tinstab kappella ċkejkna mwaqqfa mill-Markiż Fonti fl-1886, fejn ta' kull sena tiġi ċċelebrata l-festa tal-Verġni tal-Ġilju.

Fl-istess knisja tinstab pittura li tmur lura lejn tmiem is-Seklu XVII, xogħol artist mhux magħruf. Il-kwadru dejjem ġibed devozzjoni minn nies tal-madwar. Ta' kull sena fix-xahar ta' Mejju issir il-festa tal-Madonna tal-Ġilju fost kant u fjur il-ġilju. Il-festa ssir bis-sehem tal-poplu, il-banda, kif ukoll it-tfal tal-preċett.

## L-oriġini storika tas-Santwarju *Beata Vergine del Giglio*

Il-bidu ta' dan is-santwarju hu mistur fl-istorja b' nuqqas ta' dokumentazzjoni storika li tnebbaħna dwar kif u għaliex twaqqfet din il-knisja madwar din id-devozzjoni. Skrizzjoni mal-faċċata tal-istess knisja tgħid hekk:

**«Saluta, o passegger, con cuor di figlio
Maria tua Madre di purezza Giglio»
1886**

Fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni wieħed, ma jistax jinjora t-tradizzjoni. Dik popolari f'dan il-każ tgħid li l-kwadru instab madwar is-sena 1720 qrib balluta xieħa. Meta l-bidwi għarraf lis-sid, il-Markiża Galavotti di Orciano, hi rabtet qalba ma' dan il-kwadru u riedet li jkun fil-kustodja tagħha. Fil-fatt ordnat li jitpoġġa fil-kappella privata tagħha. L-istorja tkompli li wara ftit taż-żmien b' mod mirakoluż il-kwadru sab ruħu mill-ġdid fil-post oriġinali. Meta rat dan, il-Markiża ordnat li jinbena santwarju f'dak il-post. Il-mewt tagħha wasslet sabiex l-obbligi kollha jgħaddu f'idejn il-Markiż Fonti, li fuq insistenza tal-bdiewa tal-madwar beda l-bini ta' kappella. Jidher li maltemp qawwi ħarbat dan il-pjan. Minkejja dan, il-Markiż kien fis-Sajf ta' kull sena jżur l-inħawi flimkien mal-familja tiegħu. Kien jorganizza festa ad unur Marija. Ix-xogħol tal-bini reġa' beda fl-1886 meta inbena l-oratorju preżenti li kien fdat f'idejn Paladini di

Montemarciano. Iben il-Markiż Fonti, Monsinjur Roberto, baqa' sa mill-1920 iżur din il-kappella kull sena u jqaddes f'dan l-oratorju ta' storja u qima.

## Konklużjoni

Dawn it-tliet każijiet jiżdiedu mal-ħafna li diġà ppubblikajt tul dawn l-aħħar għoxrin sena. Kollha juru li din id-devozzjoni tmur lura sekli. Hi devozzjoni li spirat pitturi u diversi nies f'karigi ta' importanza. Żgur li aktar riċerka tista titfa' dawl akbar dwar dak li aħna illum għandna niċċelebraw bi kburija fir-raħal tal-Imqabba.

[1] Il-ktieb *Guardians of Memory: essays in remembrance of Hella Jean Bartolo Winston* hu *festschrift* f'ġieh il-memorja ta' Hella Jean Bartolo Winston li kienet attivista fil-qasam tal-Arkivji. Il-ktieb, li ġie publikat mill-Arkivju Nazzjonali bi tnedija fl-4 ta' Ġunju 2008, jġib flimkien 28 awtur kemm Maltin u barranin koordinati mill-editur li hu ukoll l-awtur ta' dan l-artiklu.

[2] Mario Buhagiar u Keith Sciberras, 'Three Early Seventeenth Century Vernacular Paintings at Mqabba' fil-*Melita Historica*, 11(1992), 1 (27-34).

[3] Il-kwadri tal-Imqabba deskritti mill-awturi huma L-Inżul tal-Ispirtu s-Santu, Il-Viżitazzjoni u l-Annunzjata.

[4] Giovanni Maria Abela għex lejn l-aħħar ta' tmiem is-Seklu Sittax u speċjalizza f'pitturi devozzjonali tal-Madonna tar-Rużarju. Fost dawn insibu pittura biż-żejt fuq il-kanvas fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina u trittiku bl-isem *Crucifixion with St. Paul and St. Bartholomew* fil-Gargur. Il-pittura tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar bid-data tal-1595 hi ħafna drabi attribwita lil Abela.

[5] Amadeo Perugino hu l-artist li fl-1619 pitter il-Madonna ta' Pinu għall-bażilika ġewwa Għawdex.

[6] Informazzjoni mogħtija mis-Sur Toni Cortis.

[7] Komunikazzjoni mas-Sur Espinosa Rodriguez, 12 ta' Awissu 2008.

[8] Antonio Espinosa Rodriguez, *Proceedings of History Week 1983,* The [Malta] Historical Society, Malta, 1984(97-124), p.97. The Provenance of the Paintings on permanent Display at the National Museum of Fine Arts.

[9] Fl-istess simposju bl-isem *Luigi Fontana – mitt sena minn mewtu* tkellmu wkoll it-Tabib Philip Sciortino, l-Avukat Albert Ganado u n-Nutar Eugene Montanaro.

[10] Marisa Calisti u Stefano Papetti, *Luigi Fontana: dal purismo all'eclettismo*, Comune di Monte San Pietrangeli, 2004.

[11] Ibid., p. 32.

[12] Archivio Privato Milano, manoscritti, busta 1°, f. 1. kif rappurtat minn Calisti/ Papetti, Ibidem. 18.

[13] Id-dokumenti tal-poloz ta' assikurazzjoni marittima ta' din il-kumpanija jinsabu fir-repożitorju ċentrali tal-Arkivji Nazzjonali, taħt il-*fonds* PD1.

[14] Fost dawn ara Charles Farrugia, *Tal-Ġilju: Il-banda u s-soċjetà fl-Imqabba*, 1995, pp. 16-20; *Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju*, 1998, pp. 81-89, u 2007, pp. 137-139.

[15] Komunikazzjoni mas-Sur Anthony Gatt, 2 ta' Jannar 2009.

[16] Dan hu l-ħjiel li jagħti Anthony Gatt, *Luigi Fontana 1827-1908: Għeluq il-mitt sena minn mewtu*, 2008, p. 15.




**WÜRTH LIMITED, WÜRTH HOUSE, Triq il-Masgar, Qormi QRM 3217, Malta.**
Tel: (356) 2149 4604, (356) 2144 3035 Fax: (356) 2144 1081
E-mail: sales@wuerth-malta.com
Web: www.wuerth.com.mt